GĦAXAQ

Minuti tal-Laqgħa Nru.13 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 21 ta' Jannar 2010 fis-6.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Rapport ta' Ħidma;
2. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2010;
3. Suġġerimenti

GĦAXAQ

1. **Laqgħa Annwali**

Minħabba li l-Laqgħa Annwali ma saritx għax m' attenda ħadd, minkejja li kienet avżata, il-Kunsill xorta ltaqa f'seduta ordinarja tal-Kunsill.

2. **Rapport ta' Ħidma**

Is-Segretarju qrat ir-Rapport ta' Ħidma (app. 1) u ġie approvat.

3. **Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2010**;

Il-Viċi Sindku u Chairperson tal-Kumitat tal-Finanzi, s-Sur Abdilla qara u u ta spjegazzjoni tal-Estimi ta' xi dħul u ħrug huwa antiċipat għas-sena li tibda fl-1 ta' Jannar 2010, wara li l-Gvern alloka bħala fondi s-somma ta' €293,665 u lid-dħul se jkun ta' €459,097.64, ħrug se jkun ta' €454,960.00 u jibqa bilanc ta' €4,137.64. (app. 2)

Is-Sur Abdilla staqsa jekk kienx hemm osservazzjonijiet li jimmeritaw ċaqlieq fl-abbozz li tħejja għall- Estimi li ġie diskuss f'seduta preċedenti tal-Kunsill. Saret ċaqlieqa waħda fis-7102 provvediment għat-tenders u jekk ikun hemm xi differenza il-figuri jiżdiedu. Is-Sur Abdilla ppropona li l-Estimi jiġu approvati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill approvahom unanimament.

4. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sur Abdilla xtaq li jitkellem dwar it-tender tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Is-Sur Abdilla qal li s-Segretarju ġab kopja ta' Standard Tender li nħareġ minn Kunsill ieħor, fejn fit-*tender* hemm miktub li waqt li l-kuntrattur jittenderja għal ġbir li jsir ġurnata b'ġurnata, hemm provvediment li jista jżid jew inaqqas il-ħlas tiegħu skond il-prezz tad-*diesel*. Qal ukoll li jeħtieg tittieħed deċiżżjoni jekk il-ġbir isirx filgħodu jew filgħaxija. Qal li jekk il-ġbir isir filgħaxija l-prezz tal-ħlas ikun għola minħabba li l-kuntrattur ikun irid iħallas il-ħaddiema biex jaħdmu bil-lejl.

Is-Sur Attard qal li l-aħjar li jsir filgħodu sabiex jekk ikun hemm borża ta' l-iskart imqatta, din tista' tinġabar mill-kennies. Qal ukoll li jekk il-ġbir isir filgħodu ma jkunx hemm ħafna karozzi pparkjati u l-iscammel ikun jista' jgħaddi.

Is-Sinjura Agius qalet li jekk il-kuntratturi jikkwotaw prezzijiet biex jaħdmu filgħodu jew filgħaxija il-Kunsill ikun jista jara x'jaqbillu. Qalet ukoll li l-aħjar isir il-ġbir wara l-ħamsa ta' filgħaxija minħabba li ħafna nies jaħdmu. Staqsiet ukoll jekk il-gbir isirx kuljum. Qalet li fejn hemm l-iskips hi ma taħsibx li hemm għalfejn jgħaddi ta' li *scammel*.

Is-Sindku qal li l-ġbir ta' li skart isir kuljum minbarra t-tlieta u l-ġimgħa għax f'dawn il-ġranet jinġabru l-boroż griżi tar-riċiklaġġ. Qal ukoll li l-ġbir isir mit-toroq kollha.

Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar li l-ġbir isir bejn is-7.30am u 12.30pm.

Is-Sur Attard qal li sakemm in-nies jidraw xorta jibqgħu jarmu fl-iskips. Qal ukoll li hemm nies li jillmentaw għax l-iskips qegħdin quddiemhom.

Is-Sinjura Agius qalet li se jkun hemm nies li jibqgħu jarmu kollox ġo l-iskips u ma jirriċiklawx. Staqsiet ukoll jekk il-Wasteserve hux se jispiċċaw.

Is-Sindku qal li ser jibda jkun hemm *green warden* assenjat biex idur mar-raħal u jara li ma jkunx hemm nies li joħorgu boroż bi skart domestiku meta suppost joħorgu l-boroż il-griżi.

Is-Sur Attard wieġeb li jispera li l-*green* warden iwissi lin-nies għall-ewwel u mhux jgħati ċ-ċitazzjonijiet.

Is-Sindku qal li tal-Wasteserve se jibdew jiċċarġjaw €50 fuq kull skip u tal-Greenpak se jkunu b'xejn għalhekk jaqbel jekk nużaw il-Greenpak.

Biex jiġi deċiż fejn se jitpoġġew l-iskips, is-Sindku se jagħmel emenda fil-lista fejn qegħdin l-iskips bħalissa u jerġa jressaqha quddiem il-kunsill.

Is-Sur Attard qal li jkun aħjar jekk niktbu fuq l-iskips li dawn huma għar-residenti ta' Ħal Għaxaq biss. Is-Sindku wieġeb li dawn għandhom miktub fuqhom diġa.

2. Is-Sur Attard qal li nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2010 ser issir l-aħħar lobgħa tal-league tal-boċċi u xtaq li l-final tal-league isir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fis-6.00pm.

   Qal ukoll li xtaq jiċċara xi affarijiet għaliex kien hemm xi rapporti li saru lill-Assoċjazzoni tal-boċċi li l-kompetizzjoniiet saru mingħajr gearijiet, iżda dan ma kienx minnu għax il-kompetitiuri libsu l-gearijiet għajr wieħed li ma setax iġib il-gear għax il-pitch taż-Zejtun fejn kellu l-gear kien magħluq.

   Qal li wara il-preżentazzjoni jsir riċeviment mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li ser toħrog skema biex isiru t-toroq u għaldaqstant ħejja lista ta' toroq fejn ma hemmx tarmak. Din il-lista hija mhemuza (app.3). Is-Sur Vassallo qal ukoll li dawn it-toroq ikun responsabbli għalihom għal 10 snin il-kuntrattur li jieħu t-tender biex jgħamilhom.

4. Is-Sindu qal li jeħtieg li nħallsu lill-kappillan tal-kiri tas-Sala li l-Kunsill għamel użu minnha diversi drabi. Il-Kunsill talab fattura mingħand il-Kappilan biex isir il-ħlas.

5. Is-Sur Abdilla qal li dawk il-gabbani li ser jiċċaqalqu jekk isir bdil fil-post minn fejn se jinħaraq in-nar, irid jingħatalhom post ieħor fejn jarmaw. Qal ukoll li jkun irid isir avviż fil-gazzetta tal-Gvern rigward dan. L-ewwel preferenzi jingħataw lill dawk li se jiċċaqalqu minn Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega li nordnaw tabelli minħabba l-ħmieg tal-klieb għal tal-Millieri u 2 tabelli għal by pass biex jipparkjaw bejn il-linji. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Viċi Sindku qal li jeħtieg li niktbu ittra lill-AirMalta għax Ħal Għaxaq mhux imnizzel fil-mappa li jkun hemm fuq l-ajruplani għal passiġġieri. Qal ukoll li niktbu lill-Awtorita' tat-Turiżmu għax Ħal Għaxaq mhux imniżżel fir-rotta turistika. Meta s-Sur Abdilla staqsa lill tal-Coaches dawn qalu li lanqas parking bays għal Coaches m ' hemm Ħal Għaxaq.

   Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu 2 parking bays għal Coaches fi Triq Napuljun Caruana Dingli. Il-Kunsill qabel.

GĦAXAQ

8. Is-Sur Abdilla qal li qed jingħad li Kunsillier qed jgħid li d-drenaġġ li qed isir qed isir mill-Kunsill u dan se jsir ifawwar ġo ġibjun u l-ħmieġ jitneħħa bil-bowser.

   Is-Sindku qal li dan mhu minnu xejn għax is-sistema se tkun li dan jinġabar ġo cesspit u se jkun hemm 4 pompi awtomatiċi ġo cesspit ħdejn il-grawnd.

9. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li nqabbdu gaffa żgħira biex inwittu fejn qed isir il-gandott biex jgħaddi id-drenaġġ.

10. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak għal patching. Il-Kunsill qabel.

**Aġġornament**

Is-Sindku ressaq l-aġġornament tas-Seduta fit-8.30pm għal nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2010 fil-5.30pm, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

**Emanuel Vassallo** — **Therese Xuereb**

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati il-Hamis 11 ta' Frar 2010 fil-5.30pm**